**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 24 ta' Mejju, 2002

**Numru 6**

**Avviz numru 197/02JR**

**Christine Debono**

**vs**

**John Refalo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-30 ta' Jannar, 2002, fejn intalab il-hlas ta' hamsa u disghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm95.71), rapprezentanti danni li sofriet l-attrici meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru JOI-001 fl-20 ta' Settembru, 1999 gewwa San Giljan habat mal-vettura numru KAA-967 proprjeta` ta' l-attrici u kkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament**

**responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Mejju, 2000, debitament notifikata skond il-Ligi u tal-parir (Lm15..00) kontra l-konvenut u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-15 ta' Marzu, 2002, li fiha gie eccepit:**

- **i. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante illi l-incident gara b'tort unikament ta' l-attrici;**
- **ii. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 621 Pierre Calleja, Christine Debono, John Refalo senior u John Refalo junior. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li grat fl-20 ta' Settembru, 1999, fis-6.40p.m. bejn il-vettura KAA-967 misjuqa mill-attrici u l-vettura**

**JOI-001 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara fi Triq il-Qaliet, San Giljan.**

2. **L-attrici kienet daret ghall-got-triq, f'liema triq kien hemm karrozzi parkeggjati fuq iz-zewg nahat. Meta waslet circa hdejn ir-raba' karrozza parkeggjata, gara l-incident billi l-vettura taghha u tal-konvenut habtu, filwaqt li l-konvenut kien ppuntat il-barra peress li kien hiereg minn fejn kien parkeggjat.**
3. **Jirrizulta li waqt li l-konvenut kien qed jaghmel il-manuvra biex johrog mill-parkegg, kien hemm wiehed qed jaralu, certu Raymond Micallef, u f'mument minnhom qallu biex jieqaf. Il-konvenut kellu l-indicator mixghul.**
4. **Skond il-konvenut sekonda wara li waqaf hass id-daqqa.**
5. **Jirrizulta li l-attrici kellha hsara fuq il-mudguard tal-lemin ta' wara, filwaqt li l-konvenut intlaqat biss mal-bumper.**
6. **Ma jirrizultax li l-attrici kienet ghaddejja b'xi velocita` eccessiva kif qed jallega l-konvenut, u dana anke in vista tal-hsara minima li saret.**
7. **Jirrizulta minflok illi meta l-attrici daret il-kantuniera l-konvenut kien gja qed jipponta biex johrog. Pero` l-konvenut kellu kull dmir li juza l-akbar diligenza hu u hiereg mill-parkegg, u jcedi ghat-traffiku li jkun ghaddej. Fil-fatt il-konvenut waqaf, pero` dan waqaf biss sekonda qabel ma saret il-kollizzjoni, cioe` f'mument meta l-attrici kienet gja qed tavvicinah, u konsegwentement ghandu jbati wahdu l-konsegwenzi ta' l-incident de quo.**

8. **Bhala danni l-ammont pretiz jirrizulta pruvat mid-dokumenti esebiti.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hamsa u disghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm95.71), bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Mejju, 2000, u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, pero` eskluzi il-hmistax-il lira tal-parir (Art.10(1) ta' l-Att V ta' l-1995), ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**